Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fil-11 ta' April 2019[1]

**Kawża C-543/17**

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**vs**

**Ir-Renju tal-Belġju**

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 258 TFUE – Direttiva 2014/61/UE – Spiża għall-installazzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja – Artikolu 260(3) TFUE – Obbligu ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva – Sanzjonijiet pekunjarji – Talba għal kundanna ta' ħlas ta' pagamenti ta' penalità ta' kuljum"

## I. Introduzzjoni

1. F'din il-kawża, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja "tikkonstata li billi ma adottax, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2016, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja [[2]], jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikax dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 13 ta' din id-direttiva"[3].

2. Barra minn hekk, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja "tikkundanna lir-Renju tal-Belġju, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità fl-ammont ta' EUR 54 639.36 *per diem* mid-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża odjerna għal nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li jikkomunika l-miżuri ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/61/UE"[4].

3. Dan ir-rikors għal konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandu għalhekk żewġ aspetti li jikkonċernaw, l-ewwel nett, il-kwistjoni ta' ksur klassiku li jikkonsisti f'nuqqas ta' traspożizzjoni (parzjali) ta' direttiva u, it-tieni nett, il-kwistjoni ta' sanzjoni pekunjarja[5] skont l-Artikolu 260(3) TFUE. L-ewwel aspett tal-proċedura ma joħloqx problemi ġuridiċi u, barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat bejn il-partijiet fil-proċedura[6]. Min-naħa l-oħra, il-problema ġuridika mqajma mit-tieni aspett hija diskussa bejn, il-Kummissjoni, minn naħa, u r-Renju tal-Belġju u l-Istati Membri intervenjenti, min-naħa l-oħra[7].

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 ĠU 2014, L 155, p. 1.
3 Ara l-punt 85 tar-rikors tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2017.
4 Ara l-punt 85 tar-rikors tal-Kummissjoni.
5 Il-kliem "sanzjoni pekunjarja" huwa t-terminu ġeneriku għall-kliem "somma f'daqqa" u "pagamenti ta' penalità".
6 L-ebda wieħed mill-Istati Membri intervenjenti ma jikkontesta r-rikors tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.
7 Bl-istess mod bħal fid-duttrina, kif ser insemmi hawn taħt.

4. L-Artikolu 260(3) TFUE ġie introdott mit-Trattat ta' Lisbona. Huwa jipprevedi mekkaniżmu li jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi sanzjoni pekunjarja fuq Stat Membru sa mill-ewwel kundanna għal nuqqas ta' notifika ta' miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva adottata skont proċedura leġiżlattiva.

5. Sal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma ddeċidiet dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE. Huwa veru li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà rċeviet għadd kbir ta' kawżi fejn il-Kummissjoni talbet l-applikazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE. Madankollu, dawn kollha ġew riżolti, sa issa, qabel l-għoti tas-sentenza bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni, li wassal sabiex din tal-aħħar tirrinunzja għall-atti, xi drabi fl-aħħar minuta [8].

6. Għalhekk, din il-kawża tista' tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta dik id-dispożizzjoni [9].

7. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE tqajjem mistoqsijiet fundamentali dwar l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. L-għan ewlieni tiegħi, sabiex ma ngħidx it-tħassib ewlieni tiegħi f'din il-kawża, huwa li ngħarraf lill-Qorti tal-Ġustizzja li kwalunkwe interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għandha tmur lil hinn mill-verità ovvja li traspożizzjoni rapida, sħiħa u korretta tad-direttivi hija essenzjali għall-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni.

## II. Il-kuntest ġuridiku

8. Skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/61, intitolat "Traspożizzjoni" [10]:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-1 ta' Jannar 2016. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar dan.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta' Lulju 2016.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif isiru tali referenzi għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri."

## III. Il-fatti li wasslu għall-kawża

### *A. Il-proċedura prekontenzjuża*

9. Skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/61, l-Istati Membri kellhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-direttiva sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2016 u kellhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

8 Madankollu, żewġ Avukati Ġenerali diġà tkellmu dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE. Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-320/13, EU:C:2014:2441) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (Artikolu 260(3) TFUE - Kreditu ipotekarju) (C-569/17, EU:C:2019:271, punt 71). Il-Kummissjoni rrinunzjat għall-atti fl-ewwel kawża, filwaqt li t-tieni kawża għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

9 F'dan ir-rigward, ninnota li għalkemm l-Avukat Ġenerali Wathelet seta' jinnota, ġustament, in-nuqqas ta' interess tal-Istati Membri fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE (ara l-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-320/13, EU:C:2014:2441, nota ta' qiegħ il-paġna 3), tali konstatazzjoni ma tistax issir f'din il-kawża, peress li għaxar Stati Membri intervjenew insostenn tar-Renju tal-Belġju.

10 Fid-dawl tal-fatt li ma hemm l-ebda nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fir-rigward tat-traspożizzjoni tal-kontenut tad-Direttiva 2014/61, ma hemmx għalfejn wieħed jikkwota d-dispożizzjonijiet materjali.

10. Peress li sa dik id-data l-ebda miżura nazzjonali ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva ma ġiet ikkomunikata lilha, fit-23 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Renju tal-Belġju.

11. Peress li t-tweġiba tar-Renju tal-Belġju indikat li, fil-11 ta' Lulju 2016, il-miżuri ta' traspożizzjoni kienu qed jitħejjew, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lil dan l-Istat Membru fit-30 ta' Settembru 2016 u stednitu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonforma ruħu magħha fi żmien xahrejn minn meta jirċeviha.

12. Wara li ngħata proroga tat-terminu għat-tweġiba tiegħu, ir-Renju tal-Belġju wieġeb għall-opinjoni motivata bl-ittri tal-21 ta' Frar u tat-28 ta' Marzu 2017, fejn informa lill-Kummissjoni li t-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/61 kienet għaddejja. Dawn l-ittri kienu akkumpanjati minn abbozz ta' miżuri ta' traspożizzjoni u l-verżjoni kkonsolidata tal-ordonnance du 3 juillet 2008 relative aux chantiers de voirie de la Région de Bruxelles Capitale (id-Digriet tat-3 ta' Lulju 2008 dwar Xogħlijiet fit-Toroq fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, il-Belġju).

13. Billi qieset li kien hemm nuqqas kemm ta' traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva 2014/61 kif ukoll ta' komunikazzjoni tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-direttiva b'mod sħiħ u li għalhekk ir-Renju tal-Belġju kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq dan ir-rikors fit-13 ta' Lulju 2017.

### *B. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja*

14. Permezz tar-rikors tagħha, ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni kkritikat lir-Renju tal-Belġju, minn naħa, talli ma adottax il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2014/61 u, min-naħa l-oħra, talli fi kwalunkwe każ ma nnotifikahiex dwarhom.

15. Fir-risposta tiegħu, ir-Renju tal-Belġju rrefera għall-progress li sar fit-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/61, fejn indika li l-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet ġew trasposti fid-dritt Belġjan, skont it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istat Federali, ir-reġjuni u l-komunitajiet, u li ttieħdu jew għadhom għaddejjin il-miżuri meħtieġa għal dawk li għadhom ma ġewx trasposti.

16. Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li, minkejja l-progress sinjifikattiv li sar fit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/61 mir-Renju tal-Belġju mill-preżentata tar-rikors, kien għadu jeħtieġ li jiġu adottati miżuri addizzjonali sabiex din tiġi trasposta b'mod sħiħ. Barra minn hekk, din il-ħtieġa hija rrikonoxxuta mill-awtoritajiet Belġjani stess. B'riżultat ta' dan, u għalkemm naqqset l-ammont tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum li tixtieq li r-Renju tal-Belġju jiġi kkundannat iħallas, il-Kummissjoni żammet it-talbiet tagħha.

17. Fil-5 ta' Frar 2018, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija u r-Repubblika tal-Awstrija ngħataw permess sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Renju tal-Belġju. Fil-21 ta' Novembru 2018, ir-Rumanija ngħatat permess sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tar-Renju tal-Belġju.

18. Il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet orali fis-seduta li nżammet fit-22 ta' Jannar 2019, l-istess bħall-Gvern Ġermaniż, Estonjan, Spanjol, Franċiż, Taljan, Ungeriż, Awstrijak u Rumen.

## IV. Analiżi

19. Ser neżamina qabelxejn il-kwistjoni tan-nuqqasijiet li bihom huwa akkużat ir-Renju tal-Belġju skont l-Artikolu 258 TFUE (Taqsima A) qabel ma niffoka fuq il-kwistjoni iktar diffiċli tas-sanzjonijiet pekunjarji skont l-Artikolu 260(3) TFUE (Taqsima B).

### *A. Dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 258 TFUE*

20. Il-Kummissjoni tilmenta li r-Renju tal-Belġju naqas milli jittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/61 fil-liġi nazzjonali sal-1 ta' Jannar 2016, id-data prevista fl-Artikolu 13(1) ta' din id-direttiva għall-adozzjoni u għall-pubblikazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu ma' din id-direttiva u naqas milli jinnotifika d-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni.

21. Ir-Renju tal-Belġju ma jikkontestax din il-kritika.

22. Għaldaqstant ninsabu fil-preżenza ta' "nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mhux ikkontestat": ir-Renju tal-Belġju ma ttrasponiex id-Direttiva 2014/61 sat-terminu mogħti u lanqas ma għarraf lill-Kummissjoni dwar il-miżuri ta' traspożizzjoni kif mitlub mill-Artikolu 13(1) ta' din id-direttiva.

23. Sabiex jiġi stabbilit nuqqas ta' twettiq tal-obbligi skont direttiva, il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tgħid li l-eżistenza ta' dan in-nuqqas trid tiġi evalwata skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru fi tmiem it-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata [11].

24. Għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li, billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2014/61/KE jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikax dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 13 ta' din id-direttiva.

### *B. Fuq is-sanzjoni pekunjarja skont l-Artikolu 260(3) TFUE*

25. Il-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża tikkonċerna bla dubju l-interpretazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE, jiġifieri kif tapplika din id-dispożizzjoni f'din il-kawża.

#### *1. Fuq id-Direttiva*

26. Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, "[d]irettiva għandha torbot l-Istati Membri, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali". Dan l-istrument speċifiku għas-sistema legali tal-Unjoni jikkostitwixxi l-istrument għall-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali.

11 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-21 ta' Marzu 2019, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-498/17, EU:C:2019:243, punti 29 u 30); tat-18 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija (C-301/17, mhux ippubblikata, EU:C:2018:846, punti 42 u 43), u tat-23 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Franza (C-314/15, mhux ippubblikata, EU:C:2016:887, punti 28 u 29). Id-duttrina ttenni din il-konstatazzjoni, ara, b'mod partikolari, Schermers, H.G., Waelbroeck, D., *Judicial Protection in the European Union*, is-sitt edizzjoni, Kluwer Law International, The Hague/Londra/New York, 2001, § 1256; Pechstein, M., f'M. Pechstein, C. Nowak, U. Häde (ed.), *Frankfurter Kommentar zu EUV, GRC und AEUV, Band IV*, Mohr Siebeck, Tübingen, 2017, Artikel 258 AEUV, punt 42, kif ukoll Streinz, R., f'R. Streinz (ed.), *EUV/AEUV (Kommentar)*, it-tielet edizzjoni, C.H. Beck, Munich, 2018, Artikel 258 AEUV, punt 34. Ta' min jinnota madankollu li, fid-*dispożittivi* tas-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha t-tendenza tirreferi fil-qosor ħafna għall-kunċett "fit-terminu previst", mingħajr ma tispeċifika jekk huwiex dak previst mil-leġiżlatur tal-Unjoni fid-direttiva jew dak previst mill-Kummissjoni fl-opinjoni motivata.

27. Id-Direttiva hija eżempju eċċellenti ta' kif is-sistemi legali nazzjonali huma interkonnessi mal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Għalhekk, traspożizzjoni korretta hija ta' importanza kbira kemm għall-effett ulti tad-Direttiva kif ukoll għall-applikazzjoni uniformi tagħha madwar l-Unjoni.

28. Il-proċedura leġiżlattiva f'żewġ stadji tad-direttivi timplika sforz ta' kontroll kunsiderevoli. Peress li d-direttivi jridu jiġu trasposti mill-Istati Membri, mhux biss huma sors ta' diverġenzi, iżda wkoll sors ta' żbalji [12]. L-esperjenza sa issa wriet li t-tieni stadju ma jistax jitqies bħala ħaġa fatta u li t-traspożizzjoni mill-Istati Membri ħafna drabi tiġi żgurata aħjar permezz ta' kontroll sistematiku mill-Kummissjoni. B'riżultat ta' dan, il-prattiki ta' traspożizzjoni huma suġġetti għal monitoraġġ kontinwu u evalwazzjoni statistika mill-Kummissjoni.

29. Fir-rigward tat-traspożizzjoni ta' direttivi fid-dritt nazzjonali, tradizzjonalment hemm tliet tipi ewlenin ta' ksur. L-ewwel wieħed jikkonċerna n-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni (Stat Membru ma jkunx innotifika l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni fit-termini mogħtija), it-tieni wieħed jikkonċerna n-nuqqas ta' konformità (il-miżuri ta' traspożizzjoni meħuda minn Stat Membru ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' direttivi tal-Unjoni) u, fl-aħħar nett, it-tielet wieħed jikkonċerna l-applikazzjoni ħażina jew l-applikazzjoni inkorretta (id-direttiva, għalkemm formalment trasposta, ma tkunx ġiet applikata b'mod korrett jew ma tkunx ġiet applikata totalment mill-awtoritajiet nazzjonali).

30. Għandu jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni nnifisha tapplika din il-kategorizzazzjoni [13].

31. Sabiex taqdi dmirijietha bħala gwardjan tat-Trattati u sabiex tivverifika jekk Stat Membru ttrasponiex korrettament id-dispożizzjonijiet ta' direttiva fid-dritt nazzjonali, il-Kummissjoni għandha għalhekk tiġi informata dwar il-miżuri ta' traspożizzjoni meħuda mill-Istati Membri [14].

32. L-Istati Membri spiss jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' traspożizzjoni tad-direttivi u t-traspożizzjoni ħażina tad-direttivi hija waħda mill-iktar każijiet frekwenti u serji ta' applikazzjoni ħażina tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri [15].

33. Id-direttivi issa jimponu l-obbligu li jsir riferiment għad-direttiva fl-att nazzjonali ta' traspożizzjoni. Bħala riżultat ta' dan l-obbligu indipendenti ta' riferiment, miżuri ta' traspożizzjoni jsiru neċessarji anki jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali diġà tkun tissodisfa, fis-sustanza, ir-rekwiżiti tad-direttiva. Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tat-traspożizzjoni, id-direttivi spiss jimponu fuq l-Istati Membri, anki qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-obbligu li jinnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni meħuda [16]. Barra minn hekk, sabiex tiffaċilita l-kontroll tat-traspożizzjoni, il-Kummissjoni titlob regolarment lill-Istati Membri sabiex jipprovdulha tabella ta' korrelazzjoni li turi kif kull dispożizzjoni ta' direttiva partikolari għandha tiġi trasposta fid-dritt nazzjonali [17].

34. It-Trattat ta' Lisbona żied il-proċedura prevista fl-Artikolu 260(3) TFUE mal-istrumenti li l-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha għall-finijiet ta' tali kontroll.

12 Ara Haltern, U., *Europarecht, Dogmatik im Kontext, Band I*, it-tielet edizzjoni, Mohr Siebeck, Tübingen, 2017, punt 872.

13 Ara, b'mod partikolari, ir-rapport mill-Kummissjoni: Il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Rapport Annwali 2016, 6 ta' Lulju 2017 (COM(2017) 370 final), Punt III, p. 18.

14 Fil-fehma tiegħi, din hija r-raġuni għalfejn l-Artikolu 260(3) TFUE jagħmel enfasi partikolari fuq in-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni. Ser niġi lura għal dan il-punt hawn taħt, fil-kuntest tal-analiżi tiegħi tal-Artikolu 260(3) TFUE.

15 Ara wkoll Ruffert, M., f'Chr. Calliess, M. Ruffert, (editur), *EUV/AEUV*, il-ħames edizzjoni., C.H. Beck, Munich, 2016, Artikel 288 AEUV, punt 46.

16 Fi kwalunkwe każ, l-obbligu tal-Istati Membri li jinnotifikaw, fuq talba, il-miżuri ta' traspożizzjoni minn dejjem jista' jiġi dedott mill-Artikolu 4(3) TUE.

17 Ara, b'mod partikolari, il-punt 3.3 tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2004 dwar it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali ta' Direttivi li jolqtu s-suq intern (ĠU 2005, L 98, p. 47), u l-punt 3(f) tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2009 dwar miżuri għat-titjib fil-funzjonament tas-suq uniku (ĠU 2009, L 176, p. 17). Tabella bħal din tkun takkumpanja wkoll kull abbozz ta' miżura nazzjonali ta' traspożizzjoni, meta dan jintbagħat lill-Parlament jew lill-Gvern tal-Istat Membru sabiex jiffaċilita d-dibattiti u tkun mehmuża man-notifika ta' din il-miżura lill-Kummissjoni.

*2. Fuq l-iskop tal-Artikolu 260(3) TFUE*

35. Sabiex wieħed jifhem sewwa l-loġika tal-Artikolu 260(3) TFUE, jidhirli utli li nieħdu pass lura u nqiegħdu din id-dispożizzjoni fil-kuntest storiku u sistematiku tagħha.

36. Għal dan il-għan, nixtieq nindirizza, b'mod konċiż, l-iskop kontroversjali ta' din id-dispożizzjoni.

37. Tressqu żewġ argumenti f'dan ir-rigward. Minn naħa, dak li jgħid li l-mekkaniżmu stabbilit minn din id-dispożizzjoni huwa maħsub sabiex jippenalizza direttament in-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni. Dan l-argument huwa sostnut, b'mod partikolari, mill-Kummissjoni [18], minn parti mid-duttrina [19] kif ukoll, b'mod impliċitu, mill-Avukati Ġenerali Wathelet [20] u Tanchev [21]. Skont dan l-approċċ, in-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni fit-terminu previst minn direttiva jista', bħala tali, jagħti lok għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet pekunjarji. L-obbligu ta' ħlas jista' jidħol fis-seħħ immedjatament, jiġifieri mid-data tal-għoti tas-sentenza, jew f'data sussegwenti stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha.

38. Min-naħa l-oħra, l-argument oppost jgħid li l-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 260(3) TFUE huwa intiż sabiex jippenalizza n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddikjara li Stat Membru naqas mill-obbligu tiegħu li jinnotifika miżuri ta' traspożizzjoni [22]. Skont dan l-approċċ, sanzjoni pekunjarja imposta mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu [23] tidħol fis-seħħ biss f'data sussegwenti, peress li r-raġuni għas-sanzjoni pekunjarja hija preċiżament in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza. Tabilħaqq, dan l-approċċ jargumenta li r-*ratio legis* tal-Artikolu 260(3) TFUE huwa li sanzjonijiet jistgħu jiġu imposti fuq Stat Membru immedjatament, jiġifieri fid-data tas-sentenza dwar il-ksur, jekk il-ksur ikun manifest, li jfisser li l-konstatazzjoni tiegħu ma toħloq l-ebda problema. Huwa biss f'tali sitwazzjoni li huwa ġġustifikat li titħaffef il-proċedura prevista fl-Artikolu 260(2) TFUE u li l-kwistjoni ma jkollhiex tiġi rreferuta għal darba oħra lill-Qorti tal-Ġustizzja.

39. Nifhem li mal-ewwel daqqa t'għajn, l-ewwel approċċ jista' jidher iktar attraenti mit-tieni wieħed. Dan huwa, fi kwalunkwe każ, approċċ intuwittiv għal kull min ikun jaf sewwa r-rekord ta' traspożizzjoni tad-direttivi mill-Istati Membri, biex ma ngħidx iffrustrat bih. Madankollu, minħabba r-raġunijiet li ser nagħti hawn isfel, ninsab konvint li t-tieni approċċ huwa t-tajjeb.

*a) Il-formulazzjoni*

40. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE tipprovdi l-ewwel indikazzjonijiet.

18 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE (ĠU 2011, C 12, p. 1), punti 6 u 7.

19 Ara Wennerås, P., "Making effective use of Article 260 TFEU", f'J. András, D. Kochenov, *The enforcement of EU law and values*, OUP, Oxford, 2017, p. 79 sa 98, b'mod partikolari p. 79; Kilbey, I., "The Interpretation of Article 260 TFEU (ex 228 EC)", *European Law Review*, 2010, p. 370 sa 386, b'mod partikolari p. 383 u 384; Pechstein, M., f'M. Pechstein, C. Nowak, U. Häde (editur), *Frankfurter Kommentar zu EUV, GRC und AEUV, Band IV*, Mohr Siebeck, Tübingen, 2017, Artikel 260 AEUV, punt 18, kif ukoll Wunderlich, N., dans H. von der Groeben, J. Schwarze, A. Hatje (editur), *Europäisches Unionsrecht (Kommentar)*, is-seba' edizzjoni, Nomos, Baden-Baden, 2015, Artikel 260 AEUV, punt 31.

20 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-320/13, EU:C:2014:2441, punti 114 *et seq.*).

21 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (Artikolu 260(3) TFUE - Kreditu ipotekarju) (C-569/17, EU:C:2019:271, punti 67 *et seq.*).

22 Ara, *in extenso*, Wahl, N., Prete, L., "Between certainty, severity and proportionality: some reflections on the nature and functioning of Article 260(3) TFEU", *European Law Reporter*, 2014, p. 170 sa 189, b'mod partikolari p. 175 sa 177. Ara wkoll Van Rijn, Th., "Les Sanctions Pécuniaires de l'Article 260 TFUE: 5 ans après le Traité de Lisbonne", *Cahiers de droit européen*, 2016, p. 557 sa 589, b'mod partikolari p. 588, kif ukoll Klamert, M., "Die Durchsetzung finanzieller Sanktionen gegenüber den Mitgliedstaaten", *Europarecht*, 2018, p. 159 sa 174, b'mod partikolari p. 162.

23 In-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jirrigwarda, *inter alia*, in-nuqqas ta' notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni.

41. Infakkar li, skont it-tieni paragrafu ta' din id-dispożizzjoni, "[j]ekk il-Qorti ssib li hemm ksur ta' liġi tista' timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penali fuq l-Istat Membru kkonċernat, li ma tkunx taqbeż l-ammont speċifikat mill-Kummissjoni. L-obbligu tal-ħlas għandu jidħol fis-seħħ fid-data stabbilita mill-Qorti fis-sentenza tagħha". Din il-formulazzjoni timplika, fil-fehma tiegħi, b'mod loġiku li l-obbligu ta' ħlas jinħoloq neċessarjament f'data sussegwenti għal meta tingħata s-sentenza. Min-naħa l-oħra, ma tistax tiġi eskluża interpretazzjoni tal-formulazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE li tgħid li l-obbligu ta' ħlas jista' jikkoinċidi mal-għoti tas-sentenza. Anki jekk inqis din it-tieni interpretazzjoni iktar improbabbli minn dik tal-ewwel, huwa ċar li l-formulazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE ma hijiex nieqsa minn ambigwità u ma jistax jingħad li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tipprovdi, mingħajr ebda dubju, it-tweġiba għall-mistoqsija tagħna.

*b) L-istruttura*

42. Mil-lat sistematiku, ma hijiex koinċidenza li d-dispożizzjoni inkwistjoni tinsab fl-artikolu li jirrigwarda l-eżekuzzjoni u n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri l-Artikolu 260 TFUE, u mhux fil-proċedura regolari għall-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, jiġifieri l-Artikolu 258 TFUE.

43. Il-proċedura tar-rikors għal konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu hija r-rimedju klassiku "ċentralizzat" sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri[24]. Għal dan il-għan, l-Artikolu 258 TFUE jippermetti lill-Kummissjoni tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea wara proċedura prekontenzjuża li ma rnexxietx[25], filwaqt li l-Artikolu 259 TFUE – li rarament jiġi applikat – jipprovdi proċedura simili[26] għal (kwalunkwe) Stat Membru ieħor[27].

44. L-Artikolu 260 TFUE jistabbilixxi l-effetti u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi mogħtija abbażi tal-Artikoli 258 u 259 TFUE[28].

45. Għal dan il-għan, l-Artikolu 260(1) TFUE, jipprovdi li jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li Stat Membru jkun naqas milli jwettaq wieħed mill-obbligi tiegħu, dak l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jeżegwixxi s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

46. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 258 u 259 TFUE u tal-Artikolu 260(1) TFUE huma identiċi għal dawk li jinsabu fit-Trattat ta' Ruma tal-1957[29].

24 Min-naħa l-oħra, l-implimentazzjoni "deċentralizzata" quddiem il-qrati nazzjonali bħala qrati ordinarji tad-dritt tal-Unjoni ssir fuq bażi ta' kuljum permezz tal-interazzjoni bejn il-prinċipji dderivati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja: l-effett dirett tad-dispożizzjonijiet tad-direttivi, l-interpretazzjoni skont id-direttivi u l-azzjoni għad-danni tal-Istat.

25 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 258 TFUE jirriżulta li din il-proċedura prekontenzjuża tikkonsisti, mill-inqas, fil-ħruġ ta' żewġ dokumenti mill-Kummissjoni: ittra ta' intimazzjoni ("wara li tagħti lill-Istat interessat l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu") u opinjoni motivata.

26 Naturalment, l-għan tal-Artikolu 259 TFUE huwa differenti minn dak tal-Artikolu 258 TFUE peress li Stat Membru ieħor ma huwiex gwardjan tat-Trattati bħalma hija l-Kummissjoni.

27 Madankollu, il-proċedura prekontenzjuża hija xi ftit differenti minn dik tal-Artikolu 259 TFUE. F'dak li jirrigwarda d-differenzi bejn dawn iż-żewġ proċeduri, ara Wunderlich, N., f'H. von der Groeben, J. Schwarze, A. Hatje (editur), *Europäisches Unisrecht (Kommentar)*, is-seba' edizzjoni, Nomos, Baden-Baden, 2015, Artikel 259 AEV, punti 8 sa 12.

28 Ara Ehricke, U., f'R. Streinz (editur), *EUV/AEUV*, it-tielet edizzjoni, C.H. Beck, Munich, 2017, Artikel 260 AEUV, punt 1.

29 Minbarra l-bidla, f'dawn it-tliet artikoli, tat-termini "dan it-Trattat" bi "Trattati" u ż-żieda tal-kliem "ta' l-Unjoni Ewropea" wara l-kliem "Qorti tal-Ġustizzja".

47. L-Artikolu 260(2) TFUE, introdott mit-Trattat ta' Maastricht, jittratta l-proċedura għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet pekunjarji fil-każ li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ħa l-miżuri sabiex jeżegwixxi sentenza ta' konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu[30]. Din il-proċedura msejħa "nuqqas fuq nuqqas" hija għalhekk it-tieni pass fis-sens li sseħħ biss wara li tkun ingħatat l-ewwel sentenza ta' konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

48. L-Artikolu 260(3) TFUE introdott mit-Trattat ta' Lisbona u li sal-lum għadu ma kienx is-suġġett ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[31] jipprovdi li meta l-Kummissjoni tressaq każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 258 TFUE fuq il-bażi li l-Istat Membru kkonċernat ikun naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu li jikkomunika miżuri li jittrasponu direttiva adottata skont il-proċedura leġiżlattiva, din tista', meta jidhirlha xieraq, tispeċifika l-ammont ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penalità li għandu jħallas l-Istat Membru kkonċernat u li hija tqis xieraq fiċ-ċirkustanzi. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, hija tista' timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penalità fuq l-Istat Membru kkonċernat, li ma tkunx taqbeż l-ammont speċifikat mill-Kummissjoni. L-obbligu tal-ħlas għandu jidħol fis-seħħ fid-data stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha.

49. L-introduzzjoni ta' dispożizzjoni fl-Artikolu 260 TFUE li ma tirregolax l-eżekuzzjoni ta' sentenza iżda obbligu li jista' jiġi segwit permezz tal-Artikolu 258 TFUE tmur kontra kwalunkwe loġika sistematika. L-Artikolu 260(3) TFUE jista' għalhekk jikkonċerna biss in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja.

*c) Ix-xogħol preparatorju*

50. L-oriġini tal-Artikolu 260(3) TFUE tikkorrobora l-approċċ li qiegħed nipproponi[32]. Fil-fatt, iċ-ċirku ta' diskussjoni stabbilit fil-qafas tal-Konvenzjoni Ewropea[33] huwa l-oriġini tad-dispożizzjoni kif inhi fformulata fl-Artikolu 260(3) TFUE. Ir-rapport finali tagħha jinkludi proposti[34] li jgħidu li kien xieraq li "il-Kummissjoni tingħata l-possibbiltà li tirreferi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, *kemm* (fl-istess proċedura) rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu [258 TFUE] kif ukoll talba sabiex tiġi imposta sanzjoni. Jekk, fuq talba tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja timponi s-sanzjoni fl-istess sentenza ta' kundanna, tali sanzjoni tapplika wara ċertu terminu, mid-data tal-għoti tas-sentenza[35], jekk l-Istat konvenut ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza […] Tali miżura tissimplifika u tħaffef il-proċedura b'mod partikolari għal sanzjonijiet li jirrigwardaw każijiet ta' 'nuqqas ta' komunikazzjoni' ta' miżura nazzjonali ta' traspożizzjoni[36]"[37]. [traduzzjoni mhux uffiċjali] Dawn il-proposti ġew

30 Skont l-Artikolu 260(2) TFUE, jekk tqis li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ħa l-miżuri meħtieġa mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tista' għalhekk tirreferi l-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja wara li tkun ippermettiet lil dak l-Istat Membru jissottometti l-kummenti tiegħu. Hija għandha tindika l-ammont tas-somma f'daqqa jew tal-pagamenti ta' penalità li għandu jħallas l-Istat Membru kkonċernat u li hija tqis xieraq fiċ-ċirkustanzi. Fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza tagħha, din tista' timponi fuqu ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penalità.

31 Ara l-punt 5 ta' dawn il-konklużjonijiet.

32 Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (Artikolu 260(3) TFUE - Kreditu ipotekarju) (C-569/17, EU:C:2019:271, punt 59), li fiha, għal raġunijiet oħra, huwa wasal għal konklużjoni differenti minn dik li qiegħed nipproponi f'dan il-każ.

33 Il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Futur tal-Ewropa, stabbilita permezz tad-Dikjarazzjoni ta' Laeken (adottata fl-15 ta' Diċembru 2001).

34 Kwotazzjoni, inklużi n-noti f'qiegħ il-paġna 35 u 36. L-unika bidla hija n-numerazzjoni tagħhom.

35 Skont xi wħud, l-ammont tas-sanzjoni (pagamenti ta' penalità) għandu, f'dan il-każ, jiġi kkalkulat b'tali mod li l-pagamenti ta' penalità jidħlu fis-seħħ b'mod retroattiv mid-data tal-għoti tas-sentenza.

36 Fil-prattika, issir distinzjoni bejn każijiet ta' "nuqqas ta' komunikazzjoni" – jiġifieri meta l-Istat Membru ma jkunx ħa miżuri ta' traspożizzjoni – u każijiet ta' traspożizzjoni inkorretta – jiġifieri meta l-miżuri ta' traspożizzjoni meħuda mill-Istat Membru ma jkunux, fil-fehma tal-Kummissjoni, konformi mad-Direttiva. Il-mekkaniżmu propost ma japplikax għat-tieni xenarju.

37 Ara r-rapport finali taċ-Ċirku ta' Diskussjoni dwar il-funzjonament tal-Qorti tal-Ġustizzja, ippubblikat mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Ewropea fi Brussell fil-25 ta' Marzu 2003, CONV 636/03, punt 28, disponibbli fuq: http://www.europarl.europa.eu/meetdocs_all/committees/conv/20030403/03c_en.pdf.

irrepetuti kważi kelma b'kelma mill-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea[38] dwar l-abbozz tad-dispożizzjoni l-ġdida[39]: "[…] Il-paragrafu 3 (il-ġdid) huwa r-riżultat ta' suġġeriment magħmul mill-Kummissjoni liċ-ċirku ta' diskussjoni. Huwa jagħti lill-Kummissjoni l-possibbiltà li tiftaħ kemm (fl-istess proċedura) rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu [258 TFUE] kif ukoll talba sabiex timponi sanzjoni. Jekk, fuq talba tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja timponi s-sanzjoni fl-istess sentenza ta' kundanna, tali sanzjoni tapplika wara ċertu terminu, mid-data tal-għoti tas-sentenza, jekk l-Istat konvenut ma jkunx ikkonforma mas-sentenza […] Tali miżura tissimplifika u tħaffef il-proċedura għal penali b'mod konsiderevoli f'każijiet ta' 'nuqqas ta' komunikazzjoni' ta' miżura nazzjonali ta' traspożizzjoni. […] " [traduzzjoni mhux uffiċjali]

51. Fil-fehma tiegħi, dawn il-kwotazzjonijiet jindikaw b'mod ċar li l-awturi tal-Artikolu 260(3) TFUE kellhom l-intenzjoni li joħolqu proċedura għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza.

52. F'dan ir-rigward, nagħti iktar importanza lill-intenzjoni ta' min fassal it-Trattat FUE, li hija ċara għalija, pjuttost milli lill-interpretazzjoni mressqa mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE. Fil-fatt, huwa diffiċli għalija f'dan il-każ li niffavorixxi att ta' liġi mhux vinkolanti, adottat minn parti għal din il-proċedura, iktar milli x-xogħol preparatorju, imfassal, kif wieħed ma għandux jinsa, f'Konvenzjoni bla preċedent dwar il-futur tal-Ewropa[40].

*d) In-natura tas-sanzjonijiet pekunjarji*

53. Għandi kumment iktar fundamentali dwar l-għan tal-Artikolu 260(3) TFUE. Sa fejn naf jien, is-sanzjonijiet pekunjarji fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur qatt ma kienu ta' natura punittiva b'mod li jissanzjonaw in-nuqqas ta' konformità mad-dritt sostantiv tal-Unjoni.

54. F'dan ir-rigward, il-ksur fil-kuntest ta' proċedura skont l-Artikolu 260(2) TFUE "ma jibqax limitat għall-ksur sottostanti tal-obbligi tat-Trattat taħt l-Artikolu [258 TFUE] (iktar 'il quddiem il-'ksur inizjali'), iżda jifforma 'ksur kumpless' li mhux biss ikopri l-ksur inizjali iżda wkoll il-ksur tal-obbligu speċifiku ta' konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, liema obbligu jirriżulta mill-Artikolu [260(1) TFUE]"[41].

55. Minn perspettiva usa', il-loġika ta' dan il-ksur doppju hija bbażata fuq il-fatt li l-Unjoni hija Unjoni tad-dritt[42] li fiha l-ħtieġa li jitqiesu u li jiġu eżegwiti s-sentenzi hija ta' importanza kbira.

56. Kieku kellu jiġi aċċettat li n-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva u n-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni jikkostitwixxu bħala tali r-raġuni għas-sanzjonijiet pekunjarji, dan imur kontra din il-loġika ta' ksur doppju. Sitwazzjoni bħal din, għalhekk, tippreżenta ċerta inkonsistenza, peress li l-ksur tal-obbligu ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni sikwit ikun ta' natura ferm inqas gravi minn ksur ieħor tad-dritt tal-Unjoni.

38 Ara l-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea, Artikoli dwar il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Ewwel Istanza, ippubblikat mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Ewropea fi Brussel fit-12 ta' Mejju 2003, CONV 734/03, p. 16, disponibbli fuq: http://www.europarl.europa.eu/meetdocs_all/committees/conv/20030520/734000en.pdf.

39 It-test ta' din id-dispożizzjoni l-ġdida tal-Artikolu 228(3) li sar l-Artikolu III-367 tal-abbozz tat-Trattat Kostituzzjonali tal-Konvenzjoni, li sar l-Artikolu III-362 tat-Trattat Kostituzzjonali tal-KIG, li sar l-Artikolu 260 TFUE f'Lisbona, kien jaqra hekk: "Fejn il-Kummissjoni tirreferi każ lill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 226 fejn tqis li l-Istat ikkonċernat naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu li jinnotifika miżuri li jittrasponu liġi qafas, hija tista', fejn jidhrilha li jkun xieraq, titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex timponi, fl-istess azzjoni, il-ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penalità fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata tali nuqqas. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-talba tal-Kummissjoni, il-ħlas inkwistjoni għandu jidħol fis-seħħ fit-terminu mogħti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

40 Opinjoni oħra ngħatat f'dan ir-rigward minn Gáspár-Szilági, S., "What constitutes 'Failure to Notify' National Measures?", *European Public Law*, 2013, p. 281 sa 294, b'mod partikolari p. 285, li jgħid li x-xogħol preparatorju jservi biss sabiex iżid il-konfużjoni dwar l-Artikolu 260(3) TFUE u jmur kontra l-prattika tal-Kummissjoni.

41 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Fennelly fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-197/98, EU:C:1999:597, punt 19). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-95/12, EU:C:2013:333, nota ta' qiegħ il-paġna 50).

42 Ara s-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 31).

*e) Eżitu*

57. L-Artikolu 260(3) TFUE għalhekk jipprevedi l-possibbiltà ta' sanzjonijiet pekunjarji fil-kuntest ta' proċedura mħaffa għal sitwazzjonijiet fejn ikun ċar li Stat Membru jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu. L-għan ewlieni ta' din id-dispożizzjoni huwa li jiġi evitat kontenzjuż mhux meħtieġ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja qabel ma jkunu jistgħu jiġu imposti s-sanzjonijiet. L-għan ta' din il-proċedura huwa li tiġi evitata sensiela oħra ta' proċeduri għall-każijiet sempliċi ta' nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni, għal raġunijiet ta' ekonomija tal-ġudizzju u għall-aħjar allokazzjoni ta' riżorsi. Dan l-objettiv jintlaħaq b'mod preċiż bis-saħħa tal-Artikolu 260(3) TFUE billi jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi sanzjonijiet mill-ewwel fażi tal-proċedura u tistabbilixxi li tali sanzjonijiet jidħlu fis-seħħ awtomatikament f'data sussegwenti, jekk is-sentenza mogħtija fuq il-bażi tal-Artikolu 258 TFUE ma tiġix eżegwita[43].

*3. Fuq il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 260(3) TFUE*

*a) L-obbligu li jiġu kkomunikati miżuri ta' traspożizzjoni*

58. Issa li l-għan tal-Artikolu 260(3) TFUE huwa stabbilit, ser neżamina l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni.

59. Għalhekk jeħtieġ li jiġi interpretat il-kliem "l-obbligi tiegħu li jinnotifika miżuri li jittrasponu direttiva". Xi jfisser eżattament dan il-kliem li, mal-ewwel daqqa t'għajn, ma jidhirx li huwa ambigwu?

60. Tista' ssir distinzjoni bejn tliet perspettivi.

61. Skont l-ewwel perspettiva, imressqa b'mod partikolari mill-Gvern Belġjan, sostnut f'dan ir-rigward mill-Gvernijiet li intervjenew insostenn tar-Renju tal-Belġju, dan il-kliem huwa maħsub biss sabiex ikopri s-sitwazzjoni li fiha Stat Membru ma jkun ħa l-ebda azzjoni sabiex jittrasponi direttiva fid-dritt nazzjonali u għalhekk naqas milli jieħu, fit-terminu mogħti, miżuri sabiex jittrasponi d-direttiva u milli jikkomunikahom lill-Kummissjoni.

62. Il-Kummissjoni, min-naħa l-oħra, issostni t-tieni perspettiva li l-Artikolu 260(3) TFUE japplika kemm fl-assenza totali tat-traspożizzjoni u tal-komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni, kif ukoll fil-każ ta' traspożizzjoni u komunikazzjoni *parzjali* ta' dawn il-miżuri.

63. L-Avukati Ġenerali Wathelet[44] u Tanchev[45] iressqu t-tielet perspettiva, jiġifieri li l-Artikolu 260(3) TFUE japplika għal tliet sitwazzjonijiet, jiġifieri dawk li jirrigwardaw in-nuqqas totali ta' komunikazzjoni, il-komunikazzjoni ta' miżuri li jikkostitwixxu traspożizzjoni inkompleta u l-komunikazzjoni ta' miżuri li jikkostitwixxu traspożizzjoni inkorretta tad-direttiva.

64. Id-duttrina hija maqsuma wkoll f'dan ir-rigward[46].

43 F'dan ir-rigward, naqbel mal-approċċ ta' Prete, L., *Infringement Proceedings in EU Law*, Wolters Kluwer, Alphen-sur-le-Rhin, 2017, p. 266 sa 270, b'mod partikolari p. 270.

44 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-320/13, EU:C:2014:2441, punt 145).

45 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (Artikolu 260(3) TFUE - Kreditu ipotekarju) (C-569/17, EU:C:2019:271, punt 71).

46 Ara, b'mod partikolari, Everling, U., "Rechtsschutz in der Europäischen Union nach dem Vertrag von Lissabon", *Europarecht*, 2009, Beiheft 1, p. 71 sa 86; Wahl, N., Prete, L., *op. cit.*; Blanc, D., "Les procédures du recours en manquement, le traité, le juge et le gardien: entre unité et diversité en vue d'un renforcement de l'Union de droit", f'St. Mahieu (editur), *Contentieux de l'Union européenne: questions choisies*, Larcier, 2014, p. 429 sa 461; Wennerås, P., "Making Effective Use of Article 260 TFEU", f'J. András, D. Kochenov, *The Enforcement of EU Law and Values*, OUP, Oxford, 2017, p. 79 sa 98; Radivojević, Z., Raičević, N., "Financial sanctions against Member States for infringement of EU law", *Procedural aspects of EU law*, Osijek 2017, p. 171 sa 191.

65. Nistqarr li l-ebda wieħed mill-argumenti proposti ma jikkonvinċini.

66. L-ewwel nett, għandi dubji serji dwar it-tieni u t-tielet argument. Dawn jagħtu interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 260(3) TFUE u ma jqisux biżżejjed, fil-fehma tiegħi, il-formulazzjoni, l-istruttura tat-Trattat, il-ġenesi u l-għan ta' din id-dispożizzjoni.

67. Fil-fehma tiegħi, dawn l-approċċi ftit li xejn huma prattiċi, peress li jirrikjedu eżami ddettaljat ta' jekk direttiva ġietx trasposta jew le mill-Istat Membru kkonċernat, li jmur kontra l-għanijiet ta' effikaċja u ta' ħeffa tal-proċedura.

68. Fil-fatt, nifhem l-Artikolu 260(3) TFUE mhux bħala li jippreżenta l-kundizzjoni materjali tan-nuqqas ta' *traspożizzjoni* ta' direttiva iżda li jinkludi l-kundizzjoni proċedurali [47] tan-nuqqas ta' *komunikazzjoni* tal-miżuri ta' traspożizzjoni.

69. L-avveniment li jagħti lok għall-impożizzjoni tal-ħlas ta' pagamenti ta' penalità jew ta' somma f'daqqa huwa l-ksur mill-Istat Membru kkonċernat tal-obbligu ta' notifika. L-obbligu li għalih jirreferi l-Artikolu 260(3) TFUE ma huwiex dak tal-adozzjoni ta' miżuri ta' traspożizzjoni iżda dak tan-notifika tagħhom [48]. Dan ma jfissirx li l-obbligi ta' komunikazzjoni u ta' traspożizzjoni ma humiex relatati fis-sens li l-obbligu ta' komunikazzjoni jimplimenta l-obbligu ta' traspożizzjoni [49]. Iżda dan ma jbiddilx il-formulazzjoni ċara tal-Artikolu 260(3) TFUE, li ma tirreferix għall-miżuri ta' traspożizzjoni bħala tali iżda għall-komunikazzjoni tagħhom.

70. Għalhekk, huwa meħtieġ li wieħed jifhem il-formulazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 260(3) TFUE fis-sens li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi limitu ċar għall-ambitu tas-setgħa tal-Kummissjoni li titlob il-ħlas ta' sanzjoni pekunjarja.

71. Is-sitwazzjonijiet li fihom Stat Membru, minħabba li ma jkun ħa ebda miżura ta' traspożizzjoni, ma jinnotifikax lill-Kummissjoni b'xi miżura ta' traspożizzjoni fit-terminu mogħti huma simili għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 260(2) TFUE. Fiż-żewġ sitwazzjonijiet [50], is-sitwazzjoni legali hija, bħala prinċipju, ċara. Ma hemm l-ebda inċertezza legali u, għalhekk, ma hemmx bżonn li tinkiseb (l-ewwel) sentenza ta' kjarifika tal-Qorti tal-Ġustizzja. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni tat-traspożizzjoni parzjali, imperfetta jew inkorretta ma hijiex kwistjoni faċli, anzi pjuttost bil-kontra [51].

72. F'dan il-kuntest, naqbel mal-opinjoni li "ma hemmx lok li ssir din id-differenza bejn in-natura (in)kompleta jew (in)korretta ta' traspożizzjoni ta' direttiva" [52].

47 Jew formali.

48 Ara wkoll, f'dan is-sens, Simon, D., "Sanctions pécuniaires", *Revue Europe*, Marzu 2011, p. 15.

49 Din il-konnessjoni hija enfasizzata, b'mod partikolari, mill-Avukat Ġenerali Tanchev fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (Artikolu 260(3) TFUE - Kreditu ipotekarju) (C-569/17, EU:C:2019:271, punt 48).

50 Jiġifieri l-Artikolu 260(2) *u* (3) TFUE.

51 Ara wkoll, f'dan is-sens, Thiele, A., "Das Rechtsschutzsystem nach dem Vertrag von Lissabon — (K)ein Schritt nach vorn?", *Europarecht*, 2010, p. 30 sa 51, b'mod partikolari p. 35.

52 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-320/13, EU:C:2014:2441, punti 125 sa 139). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (Artikolu 260(3) TFUE - Kreditu ipotekarju) (C-569/17, EU:C:2019:271, punt 70).

73. Li wieħed jipprova jaqta' linja bejn it-traspożizzjoni inkompleta u t-traspożizzjoni inkorretta mhux biss jikkomplika l-affarijiet iżda jista' jqarraq[53]. Dan għaliex traspożizzjoni inkompleta hija wkoll, b'definizzjoni, traspożizzjoni inkorretta[54]. Barra minn hekk, traspożizzjoni inkorretta tkun dovuta ħafna drabi għan-nuqqas ta' miżuri nazzjonali li jimplimentaw jew jirriflettu ċerti partijiet minn direttiva. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' traspożizzjoni inkorretta, partijiet xi ftit jew wisq importanti tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva jistgħu jiġu identifikati bħala nieqsa fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali rilevanti.

74. Argument ewlieni ta' dawk li jsostnu l-idea li l-Artikolu 260(3) TFUE jinkludi mhux biss in-nuqqas totali ta' komunikazzjoni, iżda wkoll in-nuqqas parzjali ta' komunikazzjoni, jew inkella t-traspożizzjoni ħażina ta' direttiva, huwa dak tal-effettività: hija biss l-iktar interpretazzjoni wiesgħa possibbli tal-Artikolu 260(3) TFUE li tista' tiżgura li din id-dispożizzjoni tkun mezz verament effettiv li jiżgura t-traspożizzjoni tad-direttivi mill-Istati Membri fit-termini mogħtija fid-direttivi.

75. Argument bħal dan kien ikun konvinċenti biss, jekk dan huwa possibbli, li kieku kien ibbażat fuq il-premessa li l-Artikolu 260(3) TFUE ma huwiex intiż sabiex jissanzjona n-nuqqas ta' osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, iżda n-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' miżuri ta' traspożizzjoni. Għalhekk, il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-effettività ma jistgħux, fil-fehma tiegħi, jirnexxu.

76. Il-Kummissjoni tqis ukoll li "[m]eta Stat Membru jkun ipprovda l-ispjegazzjonijiet kollha neċessarji dwar il-mod kif huwa *jaħseb* li jkun ittraspona d-direttiva kollha, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li l-Istat Membru ma jkunx naqas li jwettaq l-obbligu tiegħu li jinnotifika l-miżuri ta' traspożizzjoni u għaldaqstant, l-Artikolu 260(3) [TFUE] ma jkunx applikabbli"[55].

77. Minkejja li ma rridx inqajjem dubji dwar is-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, xorta waħda ninnota li l-Kummissjoni qed titħalla tiġi ggwidata mill-kunsiderazzjonijiet suġġettivi tal-Istati Membri. Madankollu, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 258 TFUE[56] u dik fl-Artikolu 260 TFUE[57] huma bbażati fuq il-konstatazzjoni *oġġettiva* tan-nuqqas ta' osservanza ta' Stat Membru tal-obbligi tiegħu.

78. Għaldaqstant, ma narax kif din l-affermazzjoni tal-Kummissjoni, li effettivament tintroduċi kriterju suġġettiv intiż li jirriforma l-proċedura tal-Artikolu 260 TFUE, tista' tirnexxi[58]. Barra minn hekk, sabiex wieħed isegwi l-loġika tal-Kummissjoni tkun teħtieġ analiżi ddettaljata tal-kwistjoni sostantiva dwar jekk direttiva ġietx trasposta jew le.

79. Jifdal l-argument li jgħid li l-Artikolu 260(3) TFUE jirreferi biss għas-sitwazzjonijiet fejn Stat Membru ma jieħu ebda azzjoni.

53 Id-duttrina enfasizzat ukoll id-diffikultà li tinqata' linja bejn traspożizzjoni inkorretta u traspożizzjoni inkompleta: ara Wennerås, P., "Sanctions against Member States under Article 260 TFEU: alive, but not kicking?", *Common Market Law Review*, vol. 49, 2012, p. 145 sa 176, b'mod partikolari p. 167.

54 Ara wkoll Prete, L., *op. cit.*, p. 273.

55 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Implimentazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE (ĠU 2011, C 12, p. 1), punt 19. Enfasi miżjuda minni.

56 Ara s-sentenza tal-1 ta' Frar 2001, Il-Kummissjoni vs Franza (C-333/99, EU:C:2001:73, punt 33).

57 Ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza (C-304/02, EU:C:2005:444, punt 44).

58 F'dan ir-rigward, infakkar il-kliem għaqli tal-Avukat Ġenerali Roemer li afferma bis-sħiħ fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Il-Kummissjoni vs Franza (7/71, EU:C:1971:107, p. 1035) li, fil-proċedura ta' konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, "ma hijiex kwistjoni ta' ħtija jew morali, iżda sempliċement il-kjarifika tal-pożizzjoni legali". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

80. Tali argument, għalkemm ma jinkludix is-sitwazzjonijiet li fihom Stat Membru jikkomunika lill-Kummissjoni, bħala "miżuri ta' traspożizzjoni", miżuri li ma humiex relatati mad-direttiva li għandha tiġi trasposta [59], ma jikkonvinċinix. Fil-fatt, tali "komunikazzjoni simulata" tikkostitwixxi nuqqas ta' komunikazzjoni. Fejn, *prima facie* u mingħajr eżami sostantiv, ikun jidher li l-miżuri ma humiex relatati mad-direttiva, ma huwiex raġonevoli li wieħed jirreferi għal miżuri *ta' traspożizzjoni* skont l-Artikolu 260(3) TFUE [60]. Jekk jirriżulta, qabelxejn, li l-miżuri kkomunikati bl-ebda mod ma jikkostitwixxu traspożizzjoni, dan ikun nuqqas ta' komunikazzjoni.

81. Għalhekk, sitwazzjoni fejn "huwa ovvju" li l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' traspożizzjoni kkomunikati lill-Kummissjoni ma għandha l-ebda rabta mad-dispożizzjonijiet tad-direttiva tista' tiġi kklassifikata bħala sitwazzjoni ta' "nuqqas ta' komunikazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 260(3) TFUE [61].

*b) Applikazzjoni għal dan il-każ*

82. Il-kwistjoni issa hija jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 260(3) TFUE humiex issodisfatti f'dan il-każ, jiġifieri, jekk din id-dispożizzjoni tapplikax f'din il-kawża *ratione materiae*.

83. Fil-fehma tiegħi le.

84. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja "tikkundanna lir-Renju tal-Belġju, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità fl-ammont ta' EUR 54 639.36 *per diem* mid-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża odjerna għal nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li jikkomunika l-miżuri ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/61/UE" [62].

85. Dan l-ammont tnaqqas gradwalment matul il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, peress li r-Renju tal-Belġju ttraspona gradwalment id-direttiva.

86. Id-data ta' referenza għad-determinazzjoni tal-impożizzjoni ta' sanzjoni pekunjarja hija d-data li fiha l-fatti jiġu eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja. Din hija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-Artikolu 260(2) TFUE [63], li fil-fehma tiegħi tista' tiġi trasposta bis-sħiħ għall-Artikolu 260(3) TFUE [64].

59 Huwa preċiżament fuq dan il-punt li l-kritika dwar interpretazzjoni restrittiva tal-Artikolu 260(3) TFUE hija kkonċentrata. Ara, bħala eżempju, Materne, T., *La procédure en manquement d'État*, Larcier, Brussell 2012, p. 43, u Van der Jeught, St., "L'action en manquement "renforcée": sanctions pécuniaires en cas de non-transposition des directives européennes", *Journal de droit européen*, 2011, p. 68 sa 70, b'mod partikolari p. 69.

60 Ara wkoll, f'dan is-sens, Maśnicki, J., "Postępowanie z tytułu braku notyfikacji środków implementujących dyrektywy w świetle opinii rzecznika generalnego w sprawie C-320/13", *Europejski Przegląd Sądowy*, vol. 4, 2015, p. 16 sa 23, b'mod partikolari p. 20.

61 Din il-konstatazzjoni għandha tippermetti li jiġi evitat li Stat Membru jissodisfa l-obbligu ta' komunikazzjoni billi jikkomunika miżuri nazzjonali li ma humiex relatati mad-dispożizzjonijiet ta' direttiva. Ara wkoll, f'dan is-sens, Van Rijn, Th., *op. cit.*, p. 585.

62 Ara l-punt 85 tar-rikors tal-Kummissjoni.

63 Ara s-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza (C-304/02, EU:C:2005:444, punt 31); tat-18 ta' Lulju 2006, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-119/04, EU:C:2006:489, punt 33); tas-17 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-533/11, EU:C:2013:659, punti 64 u 74).

64 Ara wkoll, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-320/13, EU:C:2014:2441, punt 63).

87. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni informat lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-fatt li hija tqis li n-nuqqasijiet ta' traspożizzjoni jippersistu biss għar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali u jikkonċernaw biss ċerti dispożizzjonijiet, jiġifieri d-definizzjonijiet li jidhru fl-Artikolu 2(7) [65], (8) [66], (9) [67] u (11) [68], fl-Artikolu 4(5) [69] u fl-Artikolu 8 [70] tad-Direttiva 2014/61. Fid-dawl ta' dan il-progress, il-Kummissjoni ddeċidiet li tnaqqas għal "1" il-fattur ta' gravità u qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità ta' kuljum ta' EUR 6 071.04.

88. Ir-Renju tal-Belġju ma jikkontestax in-nuqqasijiet fit-traspożizzjoni kkritikati.

89. Barra minn hekk, ir-Renju tal-Belġju kkomunika lill-Kummissjoni l-miżuri ta' traspożizzjoni diġà implimentati. Madankollu, il-Kummissjoni ssostni li dan il-gvern "naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu li jikkomunika l-miżuri ta' traspożizzjoni" tad-Direttiva 2014/61.

90. Abbażi tal-kriterji li għadni kif żviluppajt u sa fejn dan l-Istat Membru kkomunika progressivament lill-Kummissjoni l-miżuri ta' traspożizzjoni, ir-Renju tal-Belġju ma jistax jitqies li naqas mill-obbligu tiegħu ta' komunikazzjoni.

91. Għalhekk, it-talba tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 260(3) TFUE ma tistax tirnexxi.

### *4. Fuq is-sanzjonijiet pekunjarji*

92. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità ta' kuljum ta' EUR 6 071.04.

93. Għalkemm ma narax il-ħtieġa li niddeċiedi dwar il-kalkolu eżatt tal-ħlas ta' pagamenti ta' penalità ta' kuljum fil-kuntest ta' din il-kawża, peress li jien tal-fehma li l-Artikolu 260(3) TFUE ma huwiex applikabbli f'dan il-każ, nixtieq nagħmel żewġ rimarki ġenerali fil-qosor dwar is-sanzjonijiet pekunjarji, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tasal għall-konklużjoni li l-Artikolu 260(3) TFUE huwa applikabbli f'dan il-każ.

94. L-għan tas-sanzjonijiet pekunjarji huwa li l-Istat Membru jinġieb f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u li jiġi evitat iktar ksur [71]. Dawn is-sanzjonijiet ma għandhomx għan morali iżda pragmatiku.

95. Għandu jiġi osservat mill-bidu nett li, *ġeneralment* [72], il-prinċipji żviluppati fil-kuntest tal-Artikolu 260(2) TFUE japplikaw ukoll għall-Artikolu 260(3) TFUE [73]. F'dan ir-rigward, iż-żewġ rimarki tiegħi huma dawn.

65 "Infrastruttura fiżika fil-bini".

66 "Infrastruttura fiżika diġà installata fil-bini għal broadband b'veloċità għolja".

67 "Xogħlijiet kbar ta' rinnovazzjoni".

68 "Punt ta' aċċess".

69 Li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-operaturi tan-netwerk iwieġbu għal talbiet raġonevoli għal stħarriġ fuq il-post ta' elementi speċifiċi tal-infrastruttura fiżika tagħhom.

70 Li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-binjiet kollha li jkunu għadhom kif inbnew u l-bini li jkunu qegħdin isirulu xogħlijiet kbar ta' rinnovazzjoni jkunu mgħammra b'infrastruttura fiżika adattata b'veloċità għolja u b'punt ta' aċċess.

71 Ara wkoll, Sikora, A., *Sankcje finansowe w razie niewykonania wyroków Trybunału Sprawiedliwości Unii Europejskiej*, Wolters Kluwer, Varsavja, 2011, p. 91.

72 Kif ser nuri hawn taħt, waħda mill-eċċezzjonijiet tista' tikkonċerna dan il-każ.

73 Ara wkoll, f'dan is-sens, Peers, S., "Sanctions for Infringement of EU Law after the Treaty of Lisbon", *European Law Review*, vol. 18, 2012, p. 33 sa 64, b'mod partikolari p. 45.

96. L-ewwel nett, peress li l-Artikolu 260(3) TFUE, bl-istess mod tal-Artikolu 260(2) TFUE, għandu l-għan li jissanzjona n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tista' tapplika l-istess metodu ta' kalkolu tas-sanzjonijiet pekunjarji fil-kuntest ta' dawn iż-żewġ paragrafi [74]. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tal-Ġustizzja la ma hija marbuta bil-proposti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-impożizzjoni ta' sanzjoni [75] u lanqas fir-rigward tal-metodu ta' kalkolu tagħha [76].

97. It-tieni nett, tqum il-kwistjoni dwar jekk il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 260(2) TFUE, li tikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tistax timponi sanzjoni pekunjarja li ma tkunx intalbet mill-Kummissjoni, tistax tiġi trasposta għall-Artikolu 260(3) TFUE [77].

98. Fil-fehma tiegħi le.

99. Fil-fatt, b'differenza mill-Artikolu 260(2) TFUE, l-Artikolu 260(3) TFUE huwa msaħħaħ b'żieda importanti: din id-dispożizzjoni tal-aħħar tiddikjara li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tikkundanna lil Stat Membru jħallas sanzjoni pekunjarja "li *ma tkunx taqbeż* l-ammont speċifikat mill-Kummissjoni" [78]. Għalkemm l-Artikolu 260(3) TFUE ma jsemmix l-għażla tas-sanzjoni pekunjarja li għandha tiġi imposta iżda biss l-ammont tagħha [79], din il-formulazzjoni għandha effett fuq l-għażla tas-sanzjoni pekunjarja. Sabiex nispjega l-punt tiegħi: il-Kummissjoni qiegħda titlob l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità ta' kuljum ta' EUR 6 071.04. Kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi li timponi wkoll somma f'daqqa minbarra l-pagamenti ta' penalità ta' kuljum, kif tista' ma taqbiżx "l-ammont speċifikat mill-Kummissjoni"? Billi tnaqqas il-pagamenti ta' penalità? Peress li huma pagamenti ta' penalità *ta' kuljum*, li l-ammont finali tagħhom imħallas mill-Istat Membru jiddependi mit-tul (kontinwazzjoni) tal-ksur minn (wara) id-data stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha, x'inhu l-limitu ta' dan l-ammont? Huwa impossibbli li jiġi ddeterminat.

100. Għalhekk nifhem il-kliem "li ma tkunx taqbeż l-ammont speċifikat mill-Kummissjoni" fis-sens li l-Artikolu 260(3) TFUE jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja s-setgħa li timponi sanzjonijiet pekunjarji, bi projbizzjoni ġenerali fuq l-impożizzjoni ta' sanzjoni iktar qawwija [80].

## V. Fuq l-ispejjeż

101. Skont l-Artikolu 138(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha. Peress li l-Kummissjoni u r-Renju tal-Belġju tilfu rispettivament fuq talba, għandu jiġi deċiż li dawn għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

74 Ara wkoll, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-320/13, EU:C:2014:2441, punti 146 *et seq.*) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (Artikolu 260(3) TFUE - Kreditu ipotekarju) (C-569/17, EU:C:2019:271, punt 73).

75 Huwa l-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li f'kull kawża tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, is-sanzjonijiet pekunjarji li għandhom jiġu imposti: ara s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-610/10, EU:C:2012:781, punt 115).

76 Il-proposti tal-Kummissjoni ma jistgħux jorbtu lill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda huma biss bażi ta' riferiment utli. Bl-istess mod, il-linji gwida bħal dawk li jinsabu fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda jikkontribwixxu sabiex jiżguraw it-trasparenza, il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali tal-azzjoni mibdija mill-Kummissjoni; ara s-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-270/11, EU:C:2013:339, punt 41).

77 Huwa magħruf sew li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-opportunità li tiġi imposta sanzjoni pekunjarja u l-għażla tas-sanzjoni l-iktar adatta fiċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami jistgħu jiġu evalwati biss fid-dawl tal-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza li trid tingħata skont l-Artikolu 260(2) TFUE u għaldaqstant jaqgħu barra mill-isfera politika; ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza (C-304/02, EU:C:2005:444, punti 90 u 91.)

78 Enfasi miżjuda minni.

79 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (Artikolu 260(3) TFUE - Kreditu ipotekarju) (C-569/17, EU:C:2019:271, punt 77).

80 Ara wkoll, f'dan is-sens, Prete, L., *op. cit.*, p. 282, u Półtorak, N., f'D. Kornobis-Romanowska, J. Łacny, W. Andrzej (ed.), *Traktat o funkcjonowaniu Unii Europejskiej. Komentarz. Tom III*, Wolters Kluwer, Varsavja, 2012, Art. 223-358, punt 260.7.

102. Skont l-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Ġermaniż, Estonjan, Irlandiż, Spanjol, Franċiż, Taljan, Litwan, Ungeriż, Awstrijak u Rumen għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

## VI. Konklużjoni

103. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) Billi naqas milli jadotta, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikax dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 13 ta' din id-direttiva.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju tal-Belġju għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

4) Il-Gvern Ġermaniż, Estonjan, Irlandiż, Spanjol, Franċiż, Taljan, Litwan, Ungeriż, Awstrijak u Rumen għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.